TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/68/19/S

Emanuel u Maria konjugi Portelli
vs
Josies Bathroom Centre Ltd

Illum 10 t'Ottubru,2019.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-konjugi Portelli pprezentata fit-3 ta'Gunju,2019 filwaqt li s-socjeta Josies Bathroom centre Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'shower' u 'cubicle' li spicca msaddad u mqaccat wara ftit xhur;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba tal-konjugi Portelli u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik tal-konjugi Gatt li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjegaw kif waslu ghat-talba ta' €850 pero naqsu milli jipprezentaw l-ircevuti relattivi;

Illi min-naha l-ohra ebda rapprezentant tas-socjeta intimata ma deher biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tal-istess socjeta;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammont ta' €655 (prezz tax-'shower' u l-'cubicle') qed jittiehed in kunsiderazzjoni ghax ma giex spjegat kif wasal ghall-kumplament tas-somma mitluba;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' parzjalment it-talba ta' Emanuel u Maria konjugi Portelli u Jordna lis-socjeta Josies Bathroom Centre Ltd ihallas lil Emanuel u Maria konjugi Portelli is-somma ta' €655, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata Josies Bathroom Centre Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru